



---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2016/2007(INI)**

21.4.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar muniti virtwali  
(2016/2007(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ulrike Trebesius

PA\_NonLeg

PE577.006v02-00

2/6

AD\1092914MT.doc

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li l-industrija tal-muniti virtwali u t-teknoloġija tal-muniti virtwali qed jikbru;
2. Jirrimarka li l-industrija tal-muniti virtwali u t-teknoloġija tal-muniti virtwali huma teknoġiġi innovattivi li mħumiex qegħdin jiġu żviluppati fuq il-bażi tal-infrastruttura eżistenti;
3. Jirrikonoxxi l-benefiċċi potenzjali assoċjati ma' muniti virtwali u mat-teknoloġija tal-muniti virtwali għall-konsumaturi, in-negozji, l-organizzazzjonijiet tal-karită u l-ekonomija ingħerali, li jinkludu aktar ħeffa u effiċjenza u spejjeż imnaqqsa fi ħlasijiet u trasferimenti, b'mod partikolari lil hinn mill-fruntieri, u potenzjalment jippromwovu l-inklużjoni finanzjarja u l-iffaċċilitar tal-aċċess għal fondi u riżorsi finanzjarji għas-settur tan-negozju u l-SMEs; jieħu nota wkoll li l-użu tal-muniti virtwali u t-Teknoloġiji tar-Reġistru Distribwit (DLTs) ikkontribwixxa b'mod pożittiv u ffaċilita mikropagamenti għal xiri onlajn ta' ogħetti;
4. Jenfasizza li l-muniti virtwali huma l-uniku mezz ta' ħlas minbarra l-flus kontanti, li jistgħu jiffaċilitaw ħlasijiet fil-ħin reali (ir-riċevitur jieħu 100 % tal-fondi fil-ħin tal-ħlas);
5. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati kundizzjonijiet ugħalli fil-livell Ewropew li jippermettu li jkun sfruttat u żviluppat kompletament il-potenzjal indispensabbi tad-DLTs, peress li dan jista' jintuża f'diversi oqsma innovattivi u ffirxa wiesgħa ta' industriji u servizzi, bħal "kuntratti intelliġenti", il-finanzjament parteċipattiv crypto-equity u servizzi ta' medjazzjoni tat-tilwim, partikolarmen fis-setturi finanzjarji u ġuridiċi; barra minn hekk, jinkoragħixxi entitajiet pubbliċi jevalwaw il-benefiċċi u jesploraw il-possibbiltà li japplikaw dawn it-teknoloġiji innovattivi f'oqsma oħra, bl-iskop li jiaprovdū servizzi aħjar, aktar rapidi u aktar effiċċenti liċ-ċittadini tal-UE;
6. Jirrikonoxxi li l-muniti virtwali jistgħu jippreżentaw riskji b'rabta ma' attivitajiet kriminali bħall-finanzjament tat-terroriżmu, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa, kif ukoll attivitajiet illegali u sfidi oħra possibbli; jinnota, madankollu, li ftit li xejn hemm evidenza li l-muniti virtwali ntużaw b'mod mifrusx ħafna bħala mezz ta' ħlas għal attivitā kriminali u li l-livell ta' traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet fi flus kontanti għandu t-tendenza li jkun aktar baxx minn dak tal-muniti virtwali;
7. Jirrimarka li d-detenturi tal-muniti virtwali huma vulnerabbli għal attivitajiet illegali u sfidi, bħal scams, serq ta' muniti virtwali, iċ-ċiberkriminalità, hacking, funzjonament ħażin ta' softwer/hardwer, frodi u skemi ta' frodi, pretenzjonijiet foloz, jew dikjarazzjonijiet foloz; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm livell adegwaw ta' salvagwardji u rimedji effiċċi għall-konsumaturi li jistgħu jiffaċċejaw xi wħud mill-imsemmija riskji marbuta mal-użu tal-muniti virtwali;
8. Jirrikonoxxi li l-muniti virtwali, li mħumiex munita nazzjonali jew barranija, jekk jintużaw bħala alternattiva għal muniti fiduċjarji, jistgħu joħolqu riskji potenzjali għas-

sistema finanzjarja kemm f'termini ta' regolamentazzjoni kif ukoll ta' sorveljanza u sigurtà tas-suq, u jistgħu jippreżentaw riskji u theddid lill-integrità finanzjarja u lil regolamentazzjoni finanzjarja effettiva; jenfasizza li r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jistgħu jieħdu aktar importanza hekk kif il-muniti virtwali jkomplu jinfirxu;

9. Jirrikonoxxi li l-persuni li jfittxu l-preservazzjoni tal-ġid jistgħu jużaw muniti indipendenti bħall-Bitcoin fi żminijiet ta' rati tal-imgħax imnaqqsa jew bħala sfera ta' sikurezza fi żminijiet ta' instabbiltà ekonomika;
10. Jinnota fluttwazzjonijiet sostanzjali osservati fil-passat fir-rati tal-kambju ta' xi muniti virtwali u r-riskji potenzjali li ġejjin mill-użu tal-muniti virtwali għall-konsumaturi; jenfasizza li fl-UE ma teżisti l-ebda protezzjoni regolatorja biex tipproteġi lill-konsumaturi minn telf finanzjarju jekk pjattaforma li tiskambja jew iżżomm muniti virtwali tfalli jew ittemm l-attività tagħha; jinnota li l-muniti virtwali jkunu jistgħu jiġu garantiti b'assi sottostanti; jenfasizza l-ħtieġa tal-protezzjoni tal-konsumatur meta jintużaw il-muniti virtwali, l-aktar f'termini ta' ċiberkriminalità, l-algoritmi użati, il-persuni ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt fil-każž ta' mistoqsijiet jew problemi, termini u kundizzjonijiet li jinfhem fuq żmien itwal, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni u d-distorsjoni tas-Suq Uniku, tal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar u tal-bżonn li tiġi promossa innovazzjoni teknoloġika u finanzjarja u li taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u kumpaniji tal-muniti virtwali sabiex l-UE tibqa' post attraenti għar-riċerka u l-iżvilupp u t-tħaddim ta' dawn it-teknoloġiji; jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ u analiżi kontinwi tal-mod li bih il-muniti virtwali qeqhdin jikbru u l-isfidi politiċi li joħolqu; jissuġġerixxi li Task Force, immexxija mill-Kummissjoni, tappoġġa l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, filwaqt li tivvaluta u tanalizza l-possibilitajiet kollha potenzjali ta' evoluzzjoni tat-teknoloġiji tal-muniti virtwali u tal-applikazzjoni tad-DLTs; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-algoritmi użati fil-muniti virtwali u tivvaluta s-sigurta tagħhom;
11. Jirrikonoxxi d-diffikultajiet u l-inċertezzi fil-previżjoni ta' kif il-muniti virtwali jistgħu jiżviluppaw u fl-identifikazzjoni ta' eventwali reazzjonijiet ta' politika potenzjali li huma spċċifici u aktar fit-tul, mingħajr ma tinħonoq l-innovazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija koerenti u komprensiva fil-livell tal-UE, bil-ġhan li tidentifika l-benefiċċċi u r-riskji tal-muniti virtwali u t-teknoloġiji tal-muniti virtwali u responsi potenzjali ta' politika fuq żmien itwal, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni u d-distorsjoni tas-Suq Uniku, tal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar u tal-bżonn li tiġi promossa innovazzjoni teknoloġika u finanzjarja u li taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u kumpaniji tal-muniti virtwali sabiex l-UE tibqa' post attraenti għar-riċerka u l-iżvilupp u t-tħaddim ta' dawn it-teknoloġiji; jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ u analiżi kontinwi tal-mod li bih il-muniti virtwali qeqhdin jikbru u l-isfidi politiċi li joħolqu; jissuġġerixxi li Task Force, immexxija mill-Kummissjoni, tappoġġa l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, filwaqt li tivvaluta u tanalizza l-possibilitajiet kollha potenzjali ta' evoluzzjoni tat-teknoloġiji tal-muniti virtwali u tal-applikazzjoni tad-DLTs; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-algoritmi użati fil-muniti virtwali u tivvaluta s-sigurta tagħhom;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-kontribuzzjoni tal-muniti virtwali u d-DLTs fis-setturi kollha, inkluż ir-rwol tagħhom fl-iżvilupp tas-suq uniku diġitali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li negozji leġittimi fis-settur tal-muniti virtwali jħallew jikbru;
13. Jagħraf li l-iżvilupp ta' rispons regolatorju effettiv għall-iżvilupp tal-muniti virtwali għadu fi stadju bikri u delikat; jenfasizza li r-regolaturi fuħud mill-oqsma għamlu progress konsiderevoli fl-iżvilupp ta' rispons effettiv; jinnota, madankollu, li ġhad fadal ħafna ħidma x'twettaq biex jiġi stabiliti oqfsa effikaċi li jirregolaw il-muniti virtwali b'mod li jilqgħu kontra r-riskji filwaqt li ma joħonqux l-innovazzjoni finanzjarja u teknoloġika;
14. Jenfasizza l-importanza ta' għarfien tal-konsumatur, trasparenza u fiduċċja meta jintużaw

muniti virtwali; jistieden lill-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-industrija tal-muniti virtwali, tiżviluppa linji gwida bil-għan li tiggarantixxi li tkun ipprovdu informazzjoni korretta, ċara u kompleta għall-utenti tal-muniti virtwali eżistenti u futuri, li tippermettilhom jagħmlu għażla kompletament infurmata u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza tal-iskemi tal-munita virtwali f'termini ta' kif jiġu organizzati u mħaddma u kif huma distinti mis-sistemi ta' ħlas li huma rregolati u ssorveljati fdak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-konsumatur; jistieden, barra minn hekk, lill-industrija tal-munita virtwali f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex tikkunsidra l-applikazzjoni tar-rekwiżiti AML/CLT rilevanti (kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu) speċifikati mill-istandard internazzjonali għal modi ta' kambju tal-valuta konvertibbli, u kwalunkwe tip ieħor ta' istituzzjoni li taġixxi bħala nodi fejn attivitajiet tal-muniti virtwali konvertibbli jiskambjaw mas-sistema finanzjarja regolamentata ta' munita fiduċjarja, u jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa u tqis l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus sabiex tinkludi pjattaformi ta' skambju ta' munita virtwali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.4.2016	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	31 2 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dita Charanzová, Carlos Coelho, Sergio Gaetano Cofferati, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Nicola Danti, Dennis de Jong, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Evelyne Gebhardt, Antanas Guoga, Sergio Gutiérrez Prieto, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Philippe Juvin, Antonio López-Istúriz White, Marlene Mizzi, Robert Rochefort, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Olga Sehnalová, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Mylène Troszczynski, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lucy Anderson, Birgit Collin-Langen, Edward Czesak, João Pimenta Lopes, Julia Reda, Ulrike Trebesius, Lambert van Nistelrooij, Sabine Verheyen, Kerstin Westphal	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georg Mayer	